C/2025/4200

20.8.2025

Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Kontribut għall-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2026

(C/2025/4200)

Relaturi: **Christa SCHWENG (Gr. I)**
María del Carmen BARRERA CHAMORRO (Gr. II)
Krzysztof Stanisław BALON (Gr. III)

Konsulenti	Jukka AHTELA (għar-relatur tal-Grupp I) Ioannis GRIGORIADIS (għar-relatur tal-Grupp II) Piotr SADOWSKI (għar-relatur tal-Grupp III)
Bażi legali	Artikolu 52(4) tar-Regoli ta' Proċedura
Adozzjoni fis-sessjoni plenarja	19.6.2025
Sessjoni plenarja Nru	597
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	156/4/8

1. Introduzzjoni

1.1. B'din ir-Riżoluzzjoni, il-KESE, il-vuċi istituzzjonali tas-soċjetà ċivili organizzata Ewropea, qed jikkontribwixxi għat-tfassil tal-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni Ewropea għall-2026. L-UE jeħtiġilha tpoġġi lid-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem, is-sostenibbiltà, l-ugwaljanza u l-ġustizzja soċjali fil-qalba tagħha. L-imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili u s-settur volontarju huma infrastruttura kritika għar-reżiljenza tas-soċjetà u jeħtiġilhom jiġu rikonoxxuti, protetti u involuti b'mod sinifikattiv fil-previżjoni, fil-preparatezza u fl-irkupru fil-kriżijiet kollha.

1.2. Biex iżżomm it-tmexxija globali tagħha f'dinja li qed tinbidel b'rata mgħaġġla, l-UE jeħtiġilha tadotta approċċ ġdid għall-kompetittività li jintegra l-politika industrijali, l-ambizzjoni klimatika u l-istrateġija ġeopolitika. Dan jirrikjedi enfasi qawwija fuq l-investiment, it-trawwim tal-innovazzjoni u l-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, u fl-istess ħin jiġi żgurat li t-tkabbir ekonomiku jkun sostenibbli, soċjali, inklużiv u reżiljenti. Il-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku iridu jimxu id f'id mal-inklużjoni soċjali.

1.3. Politika industrijali reżiljenti trid tagħti prijorità lill-innovazzjoni, lit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u lill-Unjoni tal-Ħiliet, u tavvanza t-tagħlim tul il-ħajja u l-impjiegi ta' kwalità tajba. L-ekonomija soċjali u solidali trid tiġi appoġġjata bħala xprun tal-ekwità u l-koeżjoni. Billi l-prontezza għad-difiża saret kruċjali fl-ambjent tas-sigurtà l-ġdid, din trid issir prijorità komuni, filwaqt li tibqa' bbażata fuq id-drittijiet, it-trasparenza u l-istat tad-dritt.

1.4. Fl-isfond ta' ordni ġeopolitiku ġdid fejn l-isfidi u l-kriżijiet isiru n-norma, li jdgħajfu u jheddu lill-Ewropa, il-valuri tagħha u ċ-ċittadini tagħha, il-KESE jistieden lill-UE tiffoka fuq il-preparatezza ċivili, soċjetali u militari u jisħaq fuq il-ħtieġa ta' koeżjoni soċjali u kultura ta' reżiljenza fil-livelli kollha tas-soċjetà.

1.5. Il-kriżijiet multipli kellhom impatt fuq il-kwalità tal-ħajja ta' ħafna Ewropej. Irridu nerġgħu niksbu l-fiduċja fil-funzjonament tas-soċjetajiet tagħna bbażati fuq il-valuri Ewropej, fl-ekonomiji tagħna u fil-post tal-Ewropa fid-dinja billi nippermettu lill-Ewropej ilaħħqu mal-iżviluppi rapidi tas-soċjetà u niżguraw li ħadd ma jitħalla jibqa' lura. L-aċċess għall-edukazzjoni u t-taħriġ sabiex jinkisbu l-ħiliet meħtieġa fi swieq tax-xogħol li jinbidlu b'mod kostanti se jkun kruċjali għall-kompetittività u l-prosperità tal-Ewropa.

1.6. L-investiment fir-riċerka, l-iżvilupp, il-ħiliet u s-setturi strateġiċi jrid ikun fil-qalba ta' din il-politika industrijali biex jiġu żgurati r-reżiljenza industrijali u t-tkabbir ekonomiku fit-tul, kif ukoll impjiegi ta' kwalità tajba. Billi tiffoka fuq teknoloġiji bħall-intelliġenza artifiċjali ċċentrata fuq il-bniedem u l-enerġija rinnovabbli, l-UE tista' żżomm vantaġġ kompetittiv fl-industriji ta' valur għoli.

1.7. Iż-żamma tal-mudell soċjali kompetittiv tal-Ewropa tirrikjedi investimenti definiti sew fis-servizzi pubbliċi, il-protezzjoni soċjali, u Strateġija Kontra l-Faqar ambizzjuża. Il-KESE jisħaq fuq l-interdipendenza tal-ikel, l-ilma, in-natura u l-klima, u jappella għal Strateġija għar-Reżiljenza tal-Ilma bbażata fuq id-drittijiet bħala pilastru ewlieni tal-Patt Blu tal-UE.

1.8. Globalment, l-UE jeħtiġilha tkun fuq quddiem nett bħala istituzzjoni li tistabbilixxi l-paċi u tinvolvi ruħha ma' msieħba ġodda. Lokalment, li naħdmu flimkien ifisser li ninvestu fid-djalogu ċivili u soċjali, fil-parteċipazzjoni demokratika u fil-ġenerazzjonijiet futuri.

2. **Pjan ġdid għall-prosperità u l-kompetittività sostenibbli tal-Ewropa**

Il-KESE jagħmel il-proposti/it-talbiet li ġejjin:

Politika industrijali

2.1. Tiġi approfondita t-tranżizzjoni tas-suq intern 'il bogħod minn politiki industrijali nazzjonali frammentati u lejn approċċ Ewropew aktar ambizzjuż u kkoordinat li jallinja l-politiki regolatorji, tat-taxxa u tal-kummerċ biex tittejjeb il-kompetittività globali u jsiru disponibbli impjiegi ta' kwalità tajba.

2.2. Jitfasslu pjani direzzjonali teknoloġiċi għal teknoloġiji emerġenti; jitnaqqsu r-riskji relatati mat-teknoloġiji permezz ta' proġetti pilota u impriżi konġunti; jiġu adotati prinċipji tal-ekonomija ċirkolari biex titnaqqas id-dipendenza esterna; l-appoġġ finanzjarju jsir aktar effettiv, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività li ġej.

2.3. Tiġi implimentata politika trażversali tal-UE dwar l-ilma industrijali li mbagħad tista' tiġi adattata għal setturi differenti, li tikkomplementa l-Patt għal Industrija Nadifa. F'dan is-sens, l-UE għandha tikkunsidra li teżamina l-potenzjal tal-batteriji tal-jon tas-sodju, li fl-istess ħin jistgħu jtejbu l-elettrifikazzjoni u r-reżiljenza tal-ilma.

Kompetittività

2.4. Jitkompla l-programm ta' semplifikazzjoni, u b'hekk isir kontribut għall-kompetittività tal-kumpaniji Ewropej. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-impriżi bi status strateġiku tas-suq. Madankollu, filwaqt li s-semplifikazzjoni regolatorja tista' ttejjeb l-effiċjenza u l-produttività u tagħmilha aktar faċli li jiġi sfruttat il-potenzjal tas-Suq Uniku, din ma għandhiex twassal biex l-istandards soċjali, ambjentali u tax-xogħol essenzjali jiddgħajfu peress li dawn l-elementi jiksbu approċċ ibbilanċjat li jappoġġa lin-negozji, jipproteġi lill-ħaddiema u jservi l-interessi usa' tas-soċjetà.

2.5. Filwaqt li l-kompetittività hija mira strateġika ewlenija għall-prosperità fit-tul tal-UE, huwa kruċjali li ma titlifx id-dimensjoni soċjali tagħha. Il-kompetittività u l-produttività huma kruċjali għal impjiegi ta' kwalità għolja, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin, djalogu soċjali u negozjar kollettiv. Il-parteċipazzjoni tal-ħaddiema fil-governanza korporattiva tista' tagħti spinta lill-produttività u tappoġġja r-reżiljenza.

2.6. ir-regoli tal-kompetizzjoni jiġu adattati biex l-effiċjenza tas-suq tiġi bbilanċjata mar-reżiljenza u l-innovazzjoni industrijali, it-tkabbir ekonomiku, u l-kompetittività industrijali u jiġi sostnut il-mudell tal-ekonomija tas-suq soċjali tal-UE.

2.7. Jiġi żgurat li r-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE jippermettu l-investiment fit-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali u jiġu promossi servizzi ta' interess ġenerali, fl-istess ħin li jiġu indirizzati l-konċentrazzjoni tas-suq u l-abbuż ta' pożizzjonijiet dominanti sabiex jiġu protetti l-intraprenditri, il-ħaddiema, il-konsumaturi u l-iżjed persuni vulnerabbli.

Tranżizzjoni ekoloġika u dekarbonizzazzjoni

2.8. Isir sforz favur awtonomija strateġika f'setturi kritiċi tal-industrija bħall-industriji tas-saħħa, tal-kimika u tal-farmaċewtika u jiġi żviluppat pjan direzzjonali integrat li jkopri l-ktajjen tal-provvista kollha tagħhom.

2.9. Jiġu mmirati l-miżuri ta' politika li jittrasferixxu l-benefiċċji tal-ispejjeż tal-elettriku nadif lejn Industriji Intensivi fl-Enerġija (EII).

2.10. Jiġi żgurat li l-vuċi tas-soċjetà ċivili tinstema' permezz tar-rwol tagħha fil-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari fit-tħejjija tal-Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari.

2.11. Is-suq tal-elettriku jiġi riformat b'tali mod li jilħaq mhux biss l-objettiv tan-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050, iżda wkoll dawk tas-sigurtà tal-provvista u ta' prezzijiet stabbli u affordabbli, b'attenzjoni speċifika għall-aċċess għall-enerġija għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

2.12. Jiġi żgurat li s-Suq Uniku jrawwem koeżjoni soċjali u ekonomika 'l fuq, filwaqt li jiġu rispettati l-istandards ambjentali tal-SDGs tan-NU.

Riċerka, teknoloġija u innovazzjoni

2.13. Ir-riċerkaturi fi ħdan iż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) jiġu offruti reġim unifikat, jiġu żgurati kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u opportunitajiet ta' karriera fis-sistema tar-riċerka u innovazzjoni, speċjalment għal riċerkaturi żgħażagħ, u l-opportunità tingħata lil riċerkaturi minn pajjiżi terzi biex jaħdmu u jiċċaqilqu liberament fl-UE.

2.14. Il-politika tal-kompetittività tiġi ankrata f'investiment u innovazzjoni fit-tul, bħala appoġġ għat-trasformazzjoni industrijali sostenibbli u t-tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali.

2.15. Jiġi żgurat li d-diġitalizzazzjoni u l-IA jkunu ċċentrati fuq il-bniedem u ma jwasslux għal impjieg prekarju, li s-sistemi algoritmiċi użati fil-proċessi tal-impjieg u fir-relazzjonijiet tax-xogħol ikunu trasparenti, ġusti u diskussi fil-qafas tad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, u li l-prinċipju ta' bniedem fil-kontroll jiġi applikat b'mod effettiv meta tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni dwar l-IA.

2.16. Isir investiment fit-taħriġ mill-ġdid u t-tagħlim tul il-ħajja, li huwa kritiku biex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu jistgħu jaċċessaw l-impjiegi maħluqa mit-tibdil teknoloġiku.

2.17. Tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili fit-tiswir tal-aġendi tar-riċerka tal-UE.

Politika ekonomika u koeżjoni

2.18. Tiġi żgurata stabbiltà makroekonomika u finanzjarja permezz ta' qafas fiskali fuq terminu medju bil-għan li tiġi żgurata reżiljenza ekonomika u sistemika.

2.19. Jiġi stabbilit fond ta' investiment tal-UE bil-għan li jipprovdi riżorsi finanzjarji għal proġetti ta' investiment li jkunu ta' interess Ewropew strateġiku, iffinanzjati permezz ta' taħlita ta' riżorsi, inklużi kontributi mall-Istati Membri u riżorsi proprji ġodda.

2.20. Bil-għan li titnaqqas id-diskrepanza fl-investiment mal-Istati Uniti u kompetituri ewlenin oħra, jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-kapital ta' riskju, speċjalment biex jiġu appoġġjati l-kumpaniji start-up u biex jespandu d-ditti u l-kumpaniji.

2.21. Jittejbu l-kundizzjonijiet qafas għall-investimenti privati fis-Suq Uniku. Dan jinkludi li jiġu implimentati l-komponenti ċentrali tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali / Unjoni Ewropea tat-Tfaddil u tal-Investimenti u li tiġi kkompletata l-Unjomi Bankarja. Element ċentrali tal-aġenda għandu jkun il-promozzjoni għall-konverġenza superviżorja u t-tisħiħ tar-rwol tal-awtoritajiet superviżorji Ewropej.

2.22. Is-semplifikazzjoni fil-qasam tat-taxxa għandha tippromovi l-għoti ta' informazzjoni kosteffiċjenti, u ttejjeb l-użu ta' informazzjoni u l-iskambju tagħha bejn l-awtoritajiet tat-taxxa. M'għandhiex twassal għal bidliet mhux ekwi jew mhux intenzjonati fl-obbligazzjonijiet tat-taxxa jew toħloq possibbiltajiet għal evażjoni tat-taxxa jew għal kompetizzjoni tat-taxxa dannuża. Għandha ssir valutazzjoni tal-impatt għal kull proposta sabiex jiġu vvalutati sew l-implikazzjonijiet konkreti ta' inizjattivi leġiżlattivi ġodda għall-kontribwenti u l-awtoritajiet tat-taxxa.

2.23. Jiġu identifikati l-iżjed soluzzjonijiet effettivi għall-gżejjer tal-UE u tiġi ppreżentata strateġija olistika għall-gżejjer li tittratta l-kwistjoni tal-insularità.

2.24. Is-soċjetà ċivili tiġi inkluża b'mod iżjed effettiv fl-aġenda "Bliet tal-UE" [EU Cities] u tiġi kkunsidrata l-kwistjoni tal-akkomodazzjoni affordabbli u r-rabta tagħha mal-politika ta' koeżjoni.

Politika soċjali

2.25. Jiġi żgurat li t-trattament ugwali u l-mobbiltà ġusta tal-ħaddiema jsiru pedament, b'infurzar effettiv kontra l-abbużi.

2.26. Jiġi żviluppat pakkett ta' politika komprensiv ta' tranżizzjoni ġusta mill-Kummissjoni Ewropea, iffukat fuq l-impatt fuq il-ħaddiema u l-iżgurar tal-involviment tad-djalogu soċjali. Jekk il-flus pubbliċi jintużaw biex jiġu inċentivati l-pjani ta' tranżizzjoni tal-kumpaniji, għandhom jitqiesu l-kundizzjonalitajiet soċjali. Jiġu stabbiliti programmi ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid b'enfasi fuq l-iżjed setturi affettwati mit-tranżizzjonidoppja bħat-turiżmu u t-trasport.

2.27. It-tibdil strutturali jiġi mmaniġġjat b'mod soċjalment ġust, permezz ta' oqfsa ta' governanza inklużivi li jipprijoritizzaw il-parteċipazzjoni, id-djalogu soċjali u ċivili kif ukoll in-negozjar kollettiv.

2.28. Jitwaqqaf Osservatorju tat-Tranżizzjoni Ġusta, responsabbli għar-riċerka u l-ġbir tad-data, li jinvolvi lis-soċjetà ċivili organizzata fl-istadji kollha tat-tranżizzjoni.

2.29. Tiġi stabbilita inizjattiva dwar it-telexogħol u d-dritt għall-iskonnessjoni.

3. **Era ġdida għad-Difiża u s-Sigurtà Ewropej**

Il-KESE jagħmel il-proposti/it-talbiet li ġejjin:

3.1. Tiġi introdotta politika ta' difiża komuni u difiża Ewropea komprensiva, peress li l-awtonomija strateġika u l-prontezza għad-difiża huma kruċjali fl-ambjent tas-sigurtà l-ġdid. Huwa kruċjali li jkun hemm aktar akkwist komuni u investiment fl-industrija tad-difiża tal-UE, mingħajr ma jiddgħajfu bla bżonn l-investimenti soċjali, fl-istess ħin li jitqiesu l-kundizzjonalitajiet soċjali, inklużi dawk relatati man-negozjar kollettiv.

3.2. Titwettaq kampanja ta' komunikazzjoni pubblika madwar l-UE biex ikun hemm sensibilizzazzjoni u appoġġ fost il-pubbliku Ewropew rigward il-ħtieġa li jiġu ssalvagwardjati l-paċi, is-sigurtà, il-prosperità u l-valuri tal-Ewropa, u l-kontribut essenzjali tal-EDTIB (Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea) lejhom. Fil-fehma tal-KESE, il-fiduċja tal-pubbliku fil-kapaċità tad-difiża tal-UE tibbaża wkoll fuq il-perċezzjoni li s-sigurtà tinkludi l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-aċċess għal servizzi essenzjali.

3.3. Tissaħħaħ id-diplomazija dwar il-klima u b'mod partikolari l-istabbiliment ta' Network ta' Diplomazija dwar il-Klima tas-Soċjetà Ċivili; jissaħħu l-Gruppi Konsultattivi Domestiċi.

3.4. Tiġi indirizzata l-migrazzjoni kkawżata mill-klima.

3.5. It-tibdil fil-klima jiġi ttrattat bħala theddida għas-sigurtà globali billi s-sigurtà tal-klima tiġi integrata fl-istrateġiji tad-difiża, permezz ta' infrastruttura reżiljenti għat-tibdil fil-klima, ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u l-ingranaġġ tat-teknoloġiji ġodda billi jiġi żgurat appoġġ finanzjarju għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih.

3.6. Is-soċjetà ċivili u s-settur privat jiġu involuti bħala msieħba ewlenin fl-avvanz tar-reżiljenza għall-klima u tal-ilma.

3.7. Jiġi żgurat li l-politiki kollha tal-UE, inklużi l-industrija, l-enerġija, l-agrikoltura u l-preparatezza b'mod ġenerali fis-setturi kollha, jappoġġjaw ir-reżiljenza tal-ilma u jġibu lis-sigurtà tal-enerġija u s-sigurtà tal-ikel f'konformità mal-objettivi klimatiċi.

4. **L-appoġġ għan-nies, it-tisħiħ tas-soċjetajiet tagħna u l-mudell soċjali tagħna**

Il-KESE jagħmel il-proposti/it-talbiet li ġejjin:

4.1. Tiġi implimentata strateġija kontra l-faqar li għandha l-għan li teqred il-faqar estrem u tindirizza l-faqar fl-akkomodazzjoni, u l-faqar enerġetiku u tal-mobbiltà. Dinl-istrateġija jeħtieġ li tirrikonoxxi wkoll b'mod espliċitu r-rabta bejn il-faqar persistenti u l-esklużjoni demokratika, u tiżgura li l-persuni b'esperjenza immedjata ta' faqar jiffurmaw parti mill-kokreazzjoni politika u l-parteċipazzjoni ċivika u li ħadd ma jiġi mċaħħad mill-aċċess għar-riżorsi essenzjali tal-enerġija.

4.2. Isir segwitu tal-pjan ta' azzjoni dwar il-pilastru tad-drittijiet soċjali, inkluż pakkett ta' politika effettiv biex jipprovdi appoġġ lill-ħaddiema fit-tranżizzjoni doppja diġitali u ekoloġika permezz tal-antiċipazzjoni u l-ġestjoni tal-bidla, u d-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv għandhom ikunu prinċipji ewlenin.

4.3. Tiġi indirizzata b'mod effettiv il-kriżi tal-għoli tal-ħajja b'appoġġ għal ħafna mill-ambizzjonijiet tal-UE: l-iżgurar ta' tranżizzjoni doppja ġusta, tnaqqis fl-inugwaljanzi b'rabta mal-opportunitajiet u l-eżiti, u l-iżgurar ta' prosperità kondiviża għan-nies kollha fl-UE.

4.4. Tiġi żviluppata l-istrateġija dwar l-ugwaljanza bejn il-ġeneri wara l-2025 bil-għan li tinqered il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-ġeneri fis-suq tax-xogħol, tinkiseb parteċipazzjoni ugwali f'setturi differenti tal-ekonomija, jiġu indirizzati d-differenzi fil-pagi u fil-pensjonijiet bejn il-ġeneri, jitnaqqsu d-disparitajiet bejn il-ġeneri fix-xogħol tal-kura, jinkiseb bilanċ bejn il-ġeneri fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-politika, u jiġi vvalutat il-progress li sar sa issa.

4.5. Jiġi rikonoxxut ir-rwol ewlieni ta' djalogu soċjali u ċivili li jiffunzjona tajjeb fil-livelli kollha fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki tas-suq tax-xogħol u dawk soċjali.

4.6. Tiġi żviluppata u implimentata Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa inklużiva, billi jitqies il-pjan direzzjonali għal impjiegi ta' kwalità tajba u tingħata prijorità lill-kompetenza diġitali, il-ħsieb kritiku u l-ħiliet trażversali essenzjali għall-involviment demokratiku, l-użu etiku tat-teknoloġija u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati.

4.7. Tiġi adottata malajr l-inizjattiva dwar it-trasferibbiltà tal-ħiliet bil-għan li jkun hemm rikonoxximent reċiproku aktar mgħaġġel u faċli tal-ħiliet fl-UE.

4.8. Tiġi indirizzata l-isfida demografika fl-Ewropa kollha b'enfasi speċjali fuq is-solidarjetà interġenerazzjonali u l-promozzjoni tar-riformi fl-Istati Membri.

4.9. Jiġi infurzat id-djalogu soċjali dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IA u jiġi enfasizzat li kwalunkwe inizjattiva li tadatta l-liġi eżistenti għandha tqis il-protezzjoni tad-drittijiet tal-ħaddiema u tiżgura li l-bnedmin jibqgħu fil-kontroll fl-interazzjonijiet kollha bejn il-bniedem u l-magna.

4.10. Tiġi implimentata bis-sħiħ il-Garanzija għaż-Żgħażagħ u l-inizjattiva ALMA (Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb), kif ukoll tiġi vvalutata l-Garanzija Ewropea għat-Tfal.

4.11. Tingħata prijorità lill-mudell "l-akkomodazzjoni l-ewwel" sabiex tiġi miġġielda l-kundizzjoni ta' persuni mingħajr dar fost il-ħaddiema u l-gruppi vulnerabbli.

4.12. Tiġi implimentata Garanzija Ewropea għall-Kura, inkluża l-kura tat-tfal, biex jiġu pprovduti servizzi tal-kura tas-saħħa u tal-kura affordabbli, aċċessibbli u ta' kwalità tajba għan-nies fl-UE u xogħol ta' kura ta' kwalità tajba għall-ħaddiema f'dan is-settur, sabiex titnaqqas id-disparità bejn il-ġeneri fir-responsabbiltajiet tal-kura mhux imħallsa u n-nisa jiġu megħjuna jibqgħu fis-suq tax-xogħol u jkollhom aċċess għal xibka ta' sikurezza robusta.

5. **Insostnu l-kwalità tal-ħajja tagħna: is-sigurtà tal-ikel, l-ilma u n-natura**

Il-KESE jagħmel il-proposti/it-talbiet li ġejjin:

5.1. Issir enfasi fuq inċentivi u fuq implimentazzjoni ekwa u effiċjenti tal-impenji internazzjonali tal-UE dwar il-bijodiversità qabel il-Konferenza tal-Partijiet li jmiss għall-Konvenzjoni dwar il-Bijodiversità (COP 17), pereżempju billi jiġu eżaminati l-krediti tal-bijodiversità u jiġi żgurat li l-għodod finanzjarji l-ġodda kollha jkunu soċjalment u ambjentalment sostenibbli.

5.2. Tiġi żgurata distribuzzjoni aktar ġusta fil-katina alimentari, reċiproċità kummerċjali aktar b'saħħitha, azzjoni dwar l-ispekulazzjoni, l-involviment taż-żgħażagħ, u s-sostenibbiltà obbligatorja fl-akkwist.

5.3. Jiġi żgurat li l-politiki kollha tal-UE, inklużi l-industrija, l-enerġija, l-agrikoltura u l-preparatezza b'mod ġenerali fis-setturi kollha, jappoġġjaw ir-reżiljenza tal-ilma, peress li din hija ekwilizzatur soċjali: in-nuqqas ta' aċċess għal ilma nadif ikompli jħalli impatt negattiv fuq l-inugwaljanza, l-esklużjoni u l-inġustizzja ambjentali, b'mod partikolari fil-komunitajiet emarġinati u dawk affettwati mill-klima.

5.4. Jiġu promossi programmi ta' riforestazzjoni fl-Ewropa.

5.5. Għall-integrazzjoni ta' Strateġija Ewropea għar-Reżiljenza tal-Ilma, ibbażata fuq il-prinċipju tad-dritt tal-bniedem għall-ilma, fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għal Unjoni tal-Preparatezza.

6. **Nipproteġu d-demokrazija tagħna, niddefendu l-valuri tagħna**

Il-KESE jagħmel il-proposti/it-talbiet li ġejjin:

6.1. Is-soċjetà ċivili organizzata u l-imsieħba soċjali jiġu rikonoxxuti bħala pilastri tad-demokrazija u atturi ewlenin għaż-żamma tal-valuri Ewropej tad-drittijiet tal-bniedem, is-solidarjetà u l-istat tad-dritt.

6.2. Tiġi adottata strateġija tas-soċjetà ċivili, bi pjan ta' azzjoni ċar, kif ukoll miżuri ta' implimentazzjoni.

6.3. Demokrazija aktar b'saħħitha fuq il-post tax-xogħol permezz tad-djalogu soċjali, in-negozjar kollettiv u l-implimentazzjoni sħiħa tad-drittijiet għall-informazzjoni, il-konsultazzjoni u r-rappreżentanza tal-ħaddiema. L-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jipprovdu appoġġ rilevanti għad-djalogu soċjali u n-negozjar kollettiv, fil-livelli kollha, bil-għan li jiżviluppaw aktar il-kapaċitajiet tal-imsieħba soċjali u jittieħdu l-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti, inklużi miżuri finanzjarji, biex iżidu l-kopertura tan-negozjar kollettiv, speċjalment f'pajjiżi u reġjuni fejn il-potenzjal tiegħu għadu mhux sfruttat.

6.4. JIż-żgħażagħ jiġu awtonomizzati bħala xpruni ta' futur aktar sostenibbli għall-UE billi jinħolqu spazji għall-parteċipazzjoni strutturata tagħhom.

6.5. Jiġu segwiti l-isforzi ġenerali biex jiġu miġġielda d-diżinformazzjoni u l-miżinformazzjoni, li jista' jkollhom konsegwenzi detrimentali għad-demokraziji tagħna u għas-sigurtà tagħna, billi jiġi implimentat bis-sħiħ il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni; jiġi żviluppat pjan li jiżgura kwalità fl-informazzjoni lokali u reġjonali, billi jiġu pprovduti riżorsi adegwati lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jiġġieled u jikkontrolla l-manipulazzjonijiet u l-interferenza tal-informazzjoni barranija, u fl-istess ħin jissalvagwardja l-indipendenza u l-kapaċità libera tas-soċjetà ċivili u jipproteġi l-libertà tal-espressjoni.

7. **Ewropa globali: nisfruttaw is-setgħa u s-sħubijiet tagħna**

Il-KESE jagħmel il-proposti/it-talbiet li ġejjin:

7.1. Politika ta' difiża komuni tal-UE li timxi id f'id ma' politika estera u ta' sigurtà komuni ġenwina u kompluta li tmur lil hinn minn dik attwali.

7.2. Awtonomija strateġika akbar li tirrikjedi approċċ ikkoordinat li jgħaqqad id-difiża tal-UE mal-politiki kummerċjali u industrijali tal-politika barranija tal-UE, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-interoperabbiltà sħiħa fost l-Istati Membri u l-akkwist konġunt jew ikkoordinat tad-difiża, flimkien ma' Suq Uniku għall-prodotti u s-servizzi tad-difiża.

7.3. Żieda fir-reżiljenza tal-ftehimiet kummerċjali billi jiġu diversifikati l-importazzjonijiet u jinħolqu opportunitajiet tas-suq għall-kumpaniji Ewropej. Dawn itejbu s-sigurtà u jimmitigaw ir-riskji ġeopolitiċi, u fl-istess ħin jippromovu l-infurzar ta' standards soċjali u ambjentali, u jiżguraw kundizzjonijiet ekwi globali għal kompetizzjoni ġusta.

7.4. Jiġu promossi l-paċi, is-sigurtà u d-difiża, il-ġustizzja globali u l-progress globali billi tiġi protetta u s-sistema multilaterali u jingħata kontribut attiv għaliha.

7.5. Tinħoloq strateġija għat-titjib tal-involviment taż-żgħażagħ fid-djalogu soċjali u ċivili fil-viċinat tal-UE, inklużi l-Ukrajna, il-Moldova, il-Balkani tal-Punent, il-Georgia, l-Armenja u r-reġjun Ewro-Mediterranju.

8. **Inwettqu flimkien u nħejju l-Unjoni tagħna għall-futur**

Il-KESE jagħmel il-proposti/it-talbiet li ġejjin:

8.1. Il-proċess tat-tkabbir għandu jkompli fid-direzzjoni tal-paċi, il-prosperità u d-demokrazija u jeħtieġ li tinħoloq stabbiltà fit-tul fil-kontinent tagħna bl-involviment tal-atturi soċjali u ċivili. Dan għandu jinvolvi b'mod prominenti lill-Ukrajna, li r-reżiljenza demokratika tagħha taħt aggressjoni hija eżempju tad-difiża tal-valuri Ewropej, flimkien mal-Moldova u l-Balkani tal-Punent.

8.2. Politika ta' investiment b'saħħitha, li tiffoka fuq l-aktar setturi teknoloġiċi avvanzati, fuq il-ħolqien ta' suq tal-enerġija Ewropew li jnaqqas il-prezzijiet tal-enerġija b'mod sostanzjali, u fuq l-implimentazzjoni ta' tranżizzjoni doppja ekoloġika u diġitali ġusta.

8.3. Għandu jiġi stabbilit Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iffukat fuq il-finanzjament ta' proġetti prijoritarji Ewropej. Barra minn hekk, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034 għandu jżid b'mod sinifikanti r-riżorsi allokati għall-prijoritajiet ta' investiment, u fl-istess ħin titqies kundizzjonalità soċjali b'saħħitha.

8.4. Valutazzjoni prammatika biex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza.

8.5. Finanzjament suffiċjenti għall-Unjoni Ewropea tad-Difiża, li jinkludi pakkett finanzjarju b'saħħtu biex tintlaħaq il-mira ta' investiment ta' 80 % tal-baġits Ewropej għall-akkwist tad-difiża fl-Ewropa sal-2040, u għodod ġodda ta' finanzjament biex tingħata spinta lill-kapaċità teknoloġika.

8.6. L-investimenti fid-difiża għandhom ikunu akkumpanjati minn mekkaniżmi ta' sorveljanza robusti u rapportar trasparenti, li jiżguraw l-akkontabbiltà filwaqt li jipproteġu l-interessi leġittimi tas-sigurtà. L-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili għandhom ikunu involuti fil-monitoraġġ tal-impatti soċjoekonomiċi tal-investimenti fid-difiża.

8.7. Proċessi innovattivi ta' djalogu ċivili li jallinjaw mal-interessi u l-modi ta' involviment taż-żgħażagħ. Id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażagħ u t-"Test taż-Żgħażagħ tal-UE" huma eżempji b'saħħithom ta' strumenti parteċipattivi għat-tfassil tal-politika li jinvolvu lir-rappreżentanti taż-żgħażagħ fil-konsultazzjoni, fil-valutazzjonijiet tal-impatt u fil-mitigazzjoni, u b'hekk irawmu l-integrazzjoni taż-żgħażagħ fil-livell istituzzjonali.

Brussell, id-19 ta' Ġunju 2025.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Oliver RÖPKE